# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 44/2020 BS**

**SSL Scaffolding Limited**

**-vs-**

**Victor Bigeni u V. Bigeni Co. Limited**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-kumpannija SSL Scaffolding Limited[1] illi ppremettiet:**

***I.*** *"ILLI I-kumpannija attrici tipprovdi servizzi relatati ma' scaffolding, fosthom kiri, armar, zarmar, u servizzi ancillari ohrajn;*

***II.*** *ILLI, fl-2018, il-konvenut Victor Bigeni kien avvicina lill-kumpannija attrici u talab is-servizzi taghha in konnessjoni ma' lukanda li huwa kien qieghed jizviluppa gewwa Marsalforn, Ghawdex;*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 5 b'dokument a fol 6.

**III.** *ILLI, sussegwentement, il-kontendenti kienu ftehmu li l-kumpannija attrici kellha tarma l-iscaffolding illi kien hemm bzonn ghal dan il-progett, u thallieh installat sal-**31 ta' Dicembru 2018**, u dan ghall-prezz ta' tlettax- il Ewro (€13.00) ghal kull metru kwadru, eskluza t-taxxa fuq il-valur mizjud relattiva;*

**IV.** *ILLI, effettivament, il-kumpannija attrici armat total ta' elfejn tlett mija u erbgha u ghoxrin punt erbgha tmienja (2324.48) metri kwadri, u ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenut Victor Bigeni lill-istess kumpannija attrici kien ta' hamsa u tletin elf sitt mija u sebgha u hamsin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€ 35,657.52), inkluza t-taxxa fuq il-valur mizjud relattiva;*

**V.** *ILLI, minkejja li l-konvenut Victor Bigeni ghamel numru ta' pagamenti akkont tal-imsemmi ammont ta' € 35,657.52, huwa naqas milli jhallas il-bilanc ta' sebat elef sebgha mija u sebgha u hamsin Ewro u disgha u sebghin centezmu (€ 7,757.79), u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

**VI.** *ILLI, apparti minn hekk, il-konvenut Victor Bigeni baqa' jaghmel uzu mill-iscaffolding tal-kumpannija attrici ghal sena shiha oltre t-terminu mifthiem, ossija baqa' jaghmel uzu mill-istess scaffolding minn tal-anqas sal-**31 ta' Dicembru 2019,** tant illi kien biss f'Jannar 2020 li huwa lesta mix-xogholijiet relattivi u talab lill-kumpannija attrici sabiex tmur izzarma l-istess scaffolding;*

**VII.** *ILLI, konsegwentement, il-konvenut Victor Bigeni huwa obbligat ihallas ghall-kiri tal-istess scaffolding ghall-perjodu ta' bejn l-**1 ta' Jannar 2019** u l-**31 ta' Dicembru 2019,** liema kiri jammonta ghal hamsa u tletin elf sitt mija u sebgha u hamsin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€ 35,657.52), inkluza t-taxxa fuq il-valur mizjud relattiva, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

**VIII.** *ILLI, wara li l-kumpannija attrici interpellat lill-konvenut Victor Bigeni sabiex ihallas l-ammonti hawn fuq imsemmija ta' € 7,757.79 u € 35,657.52, huwa nforma lill-kumpannija attrici, ghall-ewwel darba, illi s-servizzi taghha kienu gew ipprestati fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-kumpannija konvenuta V. Bigeni Co. Limited li, skond*

*l-istess konvenut Victor Bigeni, hija wkoll il-proprjetarja tal-lukanda in kwistjoni gewwa Marsalforn;*

***IX.*** *ILLI, qabel talbet il-hlas tal-ammonti hawn fuq imsemmija, l-kumpannija attrici dejjem kienet innegozjat mal-konvenut Victor Bigeni f'ismu personali, u qatt ma kienet giet informata mill-konvenut Victor Bigeni illi s-servizzi taghha kienu qieghdin jigu pprestati fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-kumpannija konvenuta V. Bigeni Co. Limited;*

***X.*** *ILLI, minkejja dan, mill-mument li l-kumpannija attrici talbet il-hlas tal-ammonti msemmija, kienet il-kumpannija konvenuta V. Bigeni Co. Limited li wiegbet u li nvolviet ruhha fit-trattattivi li, dak iz-zmien, kienu intizi li jwasslu ghal transazzjoni, liema transazzjoni madanakollu baqghet ma sehhitx;*

***XI.*** *ILLI minkejja li l-konvenut Victor Bigeni gie interpellat permezz ta' ittra legali tat-13 ta' Frar 2020 (**DOK: A**), sabiex ihallas, lill-kumpannija attrici, il-bilanc kumplessiv imsemmi ta' €43,415.31, u minkejja li, sussegwentement, giet skambjata korrispondenza estensiva bejn il-kontendenti kollha - inkluz, ghalhekk, il-kumpannija konvenuta V. Bigeni Co. Limited dwar tali hlas, l-istess konvenuti baqghu inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;*

***XII.*** *ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza."*

**Talbet għalhekk lill din il-Qorti:**

***I.*** *"TIDDIKJARA illi l-konvenuti, flimkien u solidalment bejniethom, jew min minnhom, huma debituri tal-kumpannija attrici fis-somma ta' tlieta u erbghin elf erbgha mija u hmistax-il Ewro u wiehed u tletin centezmu (€ 43,415.31), jew kwalsiasi somma ohra verjuri, rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' kiri u ta' servizzi ta' scaffolding li gew rezi mill-kumpannija attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess konvenuti jew ta' min minnhom;*

***II.*** *TIKKUNDANNA lill-konvenuti, flimkien u solidalment bejniethom, jew min minnhom, sabiex ihallsu, lill-kumpannija attrici, s-somma ta' tlieta u erbghin elf erbgha mija u hmistax-il Ewro u wiehed u tletin centezmu (€ 43,415.31), jew kwalsiasi somma ohra verjuri.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' din il-kawza, u bl-imghaxijiet, dekorribbli mit-13 ta' Frar 2020 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti, flimkien u solidalment bejniethom, jew min minnhom."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti kollha u cioe ta' Victor Bigeni u ta' *V. Bigeni Co. Limited*[2] illi eċċepew:**

*"Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess attrici, u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi l-konvenut Victor Bigeni proprio mhux il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra l-attrici, u dana anke ghaliex kwalunkwe' negozju u/jew ftehim li kien hemm kien bejn is-socjeta' attrici fuq naha u s-socjeta' konvenuta fuq in-naha l-ohra;*

2. *Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta qatt ma cahdet illi l-ammont ta' € 7,657.79 kien dovut u offriet l-istess kemm-il darba stante illi dan ma kienx kontestat.*

   *Tant hu hekk illi l-partijiet sa kienu waslu ghal ftehim sabiex dan l-ammont jithallas, bil-bilanc li qed jigi reklamat jibqa' kontestat; liema ftehim baqa' ma giex finalizzat ghal ragunijiet illi taf is-socjeta' attrici biss u zgur li mhux minhabba xi nuqqas ta' rieda da parti tas-socjeta' esponenti. Ghalhekk l-istess socjeta' esponenti ma' ghandha tbati l-ebda spejjez f'dan ir-rigward.*

   *In ogni kaz, u sabiex tezimi ruhha minn kull responsabilita', l-istess socjeta' esponenti qed tiddepozita hawn kontestwalment dan l-ammont illi qatt ma kien kontestat taht l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, ma hemm assolutament l-ebda ammont dovut lis-socjeta' attrici kif qed tippretendi hi;*

4. *Illi t-talba attrici, inkluz dik ghall-hlas ta' imghax b'effett mit-13 ta' Frar 2020, hija altrimenti infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta dettaljatament fil-mori ta' din il-kawza;*

[2] Risposta guramentata a fol 23 sa 25.

5. *Illi mbaghad u b'referenza ghal kull paragrafu tar-rikors guramentat, l-eccipjenti jissottomettu dan li gej:*

   a. *L-ewwel kuntatt li kien hemm bejn il-partijiet kien matul is-sena 2017;*

   b. *L-iscaffolding in kwestjoni seta' jizzarma wara l-31 ta' Dicembru 2018, u l- attrici baqghet ma zarmatx l-istess ghal ragunijiet li taf hi biss. Is-socjeta' konvenuta kienet sahansitra talbitha taghmel dan;*

   c. *L-ammont reklamat qed jigi kontestat ghall-ahhar;*

   d. *Il-bilanc realment dovut huwa ta' €7,657.79 u mhux ta' €7,757.79 kif reklamat; liema bilanc is-socjeta' konvenuta dejjem kienet disposta thallas;*

   e. *Ma hemm l-ebda ammont dovut ghal kiri ta' scaffolding matul is-sena 2019 billi l-iscaffolding baqa' ma zzarmax ghal ragunijiet li taf biss is-socjeta' attrici. Zgur li ma jistax jinghad illi dan ma zzarmax ghax is-socjeta' konvenuta kellha bzonn l-istess;*

   f. *Illi s-socjeta' konvenuta ma hadet l-ebda beneficcju u ma ghamlet l-ebda talba sabiex l-iscaffolding jibqa' armat matul is-sena 2019, anzi bil-kontra;*

   g. *L-esponenti Victor Bigeni proprio dejjem kien qed jikkontratta f'isem is-socjeta' konvenuta u certament li mhux f'ismu personalment;*

6. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici."*

**Fliet l-atti.**

**Rat** il-kopja tal-ittra legali mibghuta mis-socjeta' attrici lill-konvenut Victor Bigeni fit-13 ta' Frar, 2020.[3]

[3] Kopja tal-ittra legali a fol 6.

**Rat** in-nota tas-socjeta' attrici tad-29 ta' Jannar, 2021 li biha nfurmat lil-Qorti li rcievet hlas akkont tal-pretensjoni taghha fil-valur ta' €7,541.94 in transazzjoni ta' parti mis-sorte mitlub minnha fil-kawza odjerna. Is-socjeta' attrici ghalhekk irriduciet it-talba taghha f'din l-istanza minn €43,415.31 ghal €35,873.37.[4]

**Rat** id-dokument, ossia ritratt, ezebit mill-konvenuti fit-28 ta' Jannar, 2022 b'notamenti fuqu maghmulha mill-konvenut Victor Bigeni.[5]

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2022 is-socjeta' attrici ddikjarat l-istadju tal-provi taghha maghluq.[6]

**Rat** il-kopja ta' email li ntbaghtet minn Daniel Montebello lill-konvenut Victor Bigeni fit-23 ta' Ottubru, 2017.[7]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' April, 2023 il-partijiet iddikjaraw il-provi taghhom maghluqa u l-kontro-ezamijiet ezawriti bil-kawza giet differita ghal prezentata tan-noti tal-osservazzjonijiet kif ukoll ghal-llum ghas-sentenza.[8]

**Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet**.[9]

## B. Provi:

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

---

[4] Nota a fol 34. Il-Qorti rat ukoll id-dokumenti ezebiti mill-konvenuti b'nota tad-29 ta' April, 2022 – nota a fol 170 – li jikkonfermaw li saret cedola ta' depozitu – numru 154/2020, a fol 171 – mis-socjeta' *V. Bigeni Co. Limited* nhar is-6 ta' Awwissu, 2020 fil-valur ta' €7,657.79 li pero' minnu tnaqqas il-valur ta' €115.85 fi spejjez tal-istess cedola b'dan li disponibbli ghall-izbank mis-socjeta' attrici allura kien fadal il-valur ta' €7,541.94. L-istess dokumenti juru wkoll li s-socjeta' konvenuta tat il-kunsens taghha sabiex is-socjeta' attrici tigi awtorizzata tizbanka l-istess valur ta' €7,541.94 – rikors a fol 173.

[5] Ritratt f'envelop ta' lewn abjad a fol 99.

[6] Verbal a fol 114.

[7] Email mibghuta mill-indirizz elettroniku *danielmontebello200@[omissis].com* lill indirizz elettroniku *victorbigeni@[omissis].com* nhar it-23 ta' Ottubru, 2017 kontenenti kwotazzjoni ghal *"Bigeni Marsalforn hotel"* rigward l-installazzjoni u tnehhija ta' *scaffolding* – a fol 166 u 167.

[8] Verbal a fol 249 u 250.

[9] Nota tas-socjeta' attrici a fol 251 sa 265. Nota tal-kovennuti a fol 266 a 286.

**Daniel Montebello**, direttur tas-socjeta' attrici, xehed[10] li huwa resposabbli mill-kwotazzjonijiet dwar *scaffoldings*. Jghid li fl-2018 avvicinah il-konvenut Victor Bigeni billi cempillu u talbu jmur jara bicca xoghol f'Marsalforn. Jghid li fil-post sab li kienet qed tigi mibnija lukanda.

Jghid li hu u l-konvenut Victor qablu fuq prezz ta' €13 ghal kull metru kwadru u l-konvenut Victor talbu jibda jinstalla l-i*scaffolding* malajr kemm setgha. Izid li huma bdew jinstallaw l-istess fil-bidu ta' April.

Jghid li skond il-ftehim taghhom l-uzu ta' l-i*scaffolding* kellu jghalaq fl-ahhar tas-sena 2018. Jghid li l-konvenut Victor qallu li fl-2018 rid li jizzarma kollox. Izid li l-konvenut Victor sahansitra qallu li jekk jibqa xi haga hemm kien iqabbad in-nies hu stess sabiex izarmaw.

Mistoqsi kienux iffirmaw xi ftehim jghid li qabel bdew jahdmu ma' kienux ghax il-konvenut Victor ma' ridtx. Izid izda li wara, il-konvenut Victor ghamel bicca karta dwar il-hlasijiet u gieghlu jiffirmaha.

Jghid li huma ramaw l-i*scaffolding* bicca, bicca skond il-bzonn. Jispjega li dan ghaliex l-i*scaffolding* kellu jitla' skond kemm ikun telgha l-bini inkella jkun iperper.

Jghid li ghalhekk jekk huma bdew jarmaw f'April, lestew jarmaw sa fuq nett lejn Awwissu.

Jezebixxi dokument[11] u jispjega li dan juri l-qisien totali ta' 2,324.48 m.k. Jghid li l-kejl haduh hu u l-konvenut Victor stess. Izid li dan il-kejl kien aktar tard reggha gie kkonfermat mill-konvenut Victor wara li rega' tkejjel minn ibnu stess li huwa perit.

Jispjega li fejn id-dokument jaqra li l-i*scaffolding* kellu jizzarma sal-ahhar tas-sena din ifisser li kellu jizzarma sa' l-ahhar ta' Dicembru, 2018.

Izid li ta' dan id-dokument huma ghandhom biss kopja stante li l-original inzamm mill-konvenut Victor.

---

[10] Traskrizzjoni a fol 48 sa 72.

[11] Dokument miktub bl-idejn a fol 41 li juri kalkoli ta' qisien dwar *scaffolding*, id-data 12/7/18, ammonti mhallsa akkont fil-valur ta' €15,000, bilanc pendenti ta' €2,300, u notament li jaqra li l-i*scaffolding* kellu jizzarma "*… by end of this year and final payment of €2,300 will be paid*". Id-dokument juri wkoll zewg firem, wahda taqra "Montebello" u ohra ma' tinqarax.

Jghid li malli wasal Dicembru, 2018 hu kien cempel lill-konvenut Victor li qallu li kien ghadhom lura. Izid li kien qallu wkoll li kien ser jinfurmah hu meta jzarma u li aktarx dan ikun ghal xi Frar jew Marzu 2019.

Jghid li ghalhekk huwa reggha cempel lill-konvenut Victor f'Marzu 2019 ghax kellu bzonn l-i*scaffolding* fuq progett iehor Ghawdex, fl-Isptar, u dan reggha qallu li kien ghadu lura.

Jghid li mbaghad Victor cempillu fil-bidu ta' Awwissu 2019 u qallu li probabilment lejn l-ahhar ta' Awwissu 2019 setgha jzarma parti mill-i*scaffolding*.

Jghid li lejn l-ahhar ta' Awwissu 2019 huwa reggha cempel lill-konvenut Victor ghax kien iddisprat ghall-i*scaffolding* u dan qallu li kien ghadhom mhux lesti u li kienu ser ikellmuh huma meta javvanzaw.

Jghid li mbaghad fil-bidu ta' Dicembru, 2019 cempillu l-konvenut Victor u qallu jipprepara sabiex izarma lejn l-ahhar ta' l-istess xahar. Izid li hawn qallu li dawk il-granet ikunu bil-festi u li ghalhekk setghu jmorru fl-ewwel jew it-tieni gimgha ta' Jannar, 2020.

Izid li f'Jannar, 2020 telgha flimkien ma' xi 14-il haddiem minn taghhom sabiex izarmaw u hawn il-konvenut Victor qallu li ma' setghux izarmaw kollox izda biss il-parti ta' wara u bicca mill-parti ta' quddiem ghax kien ghad fadlilhom bzonn tal-kumplament.

Jghid li hawn qal lill-konvenut Victor li l-ftehim ma' kienx hekk u li ma' kienx tellgha tant nies sabiex izarmaw biss partijiet. Izid li ghaddiet tal-konvenut Victor u zarmaw biss il-parti ta' wara u bicca minn ta' quddiem bil-kumplament izzarma aktar tard, xi gimghatejn wara.

Jghid li d-dokument li ezebixxa qabel sar f'Lulju, 2018 mentri l-i*scaffolding* kellu jizzarma sal-ahhar ta' Dicembru, 2018.

Mistoqsi min minn jintuza *scaffolding* fuq sit ta' kostruzjzoni jghid li minn kulhadd; bennejja, tal-aperturi, tal-irham, kahhala, ecc.

Izid li fl-2019 huwa kellu progetti ohrajn Ghawdex allura kien jghaddi minn fejn is-sit tal-konvenut Victor u osserva li l-i*scaffolding* kien ghadu jintuza.

Jezebixxi dokument iehor li juri progett iehor li huwa kellu Ghawdex f'dak iz-zmien.[12] Jghid li dan juri kwotazzjoni kif soltu tinhareg minnhom. Izid li l-istess inharget lill-socjeta' Taljana li kienet involuta fil-bini tal-iskola tal-medicina *Barts* fuq is-sit tal-Isptar Generali ta' Ghawdex. Izid li l-istess inharget f'Settembru, 2018.

Jghid li wara li s-socjeta' rapprezentata minnu bdiet dawn il-proceduri sar pagament akkont tal-pretensjoni taghha izda fadal bilanc. Jghid li fil-fatt il-hlas in parte kien ta' € 7,541.94 li ma' jkoprix l-ammont ta' €7,757.79 li kien baqa' dovut ghall-2018 billi thalla bilanc dwar l-ammont tal-2018 fil-valur ta' €215.85 li dwaru hargu fattura datata s-17 ta' Marzu, 2020.[13] Izid li dwar l-2019 ma' saru ebda hlasijiet.

Jiccara li allura baqa' bilanc ta' €215.85 dwar l-2018 u t-total kollu tal-2019 dovut lilhom mill-konvenut Victor. Jghid li strettament setghu anke zammew xi flus ghal-2020 izda kull ma' kien hemm qisu 15-il jum b'dan li dwar dan ghalqu ghajnejhom.

Jghid li fil-kalkolu dwar dak dovut ghas-sena 2019 huma zammew mall-istess ftehim li kien vigenti bejnhom u l-konvenut Victor dwar l-2018.

Rigward ma' minn kien izomm in-negozjati huwa jghid li huwa baqa' sorpriz meta l-konvenut Victor semma lis-socjeta' konvenuta ghalix huwa dejjem u biss mal-istess Victor innegozja. Jghid li s-socjeta' konvenuta qatt ma' issemmiet qabel waslu ghal dawn il-proceduri. Izid li kull meta saru l-hlasijiet fl-2018 dejjem saru mill-konvenut Victor personalment.

**In kontinwazzjoni**,[14] xehed li mhux minnu li tul l-2019 l-i*scaffolding* thalla fuq is-sit tal-konvenut Victor ghaliex huwa naqas milli jmur izarmah wara li l-istess konvenut Victor talbu jaghmel hekk.

---

[12] Id-dokument, a fol 42 sa 44, huwa kwotazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici lis-socjeta' *SIRIMED SRL* fil-5 ta' Settembru, 2018 ghal-kiri ta' *scaffolding* fis-sit tal-Isptar Generali ta' Ghawdex.

[13] Fattura a fol 45.

[14] Traskrizzjoni a fol 100 sa 108.

Jghid li tul l-2019 huwa kien ikun Ghawdex minhabba l-progett tal-iskola medika *Barts* fil-kumpless tal-Isptar Generali ta' Ghawdex. Jghid li x-xoghol ta' *Barts* kien qed isir tul l-2019. Jghid li l-hsieb tieghu dejjem kien li fl-ahhar tal-2018 izarma ghand Bigeni u jarma ghand *Barts* sabiex ma' joqodtx tiela u niezel minn Malta bl-istrutturi tal-i*scaffolding*.

Jghid li fil-verita ma' garax hekk ghax ghand Bigeni baqa' ma' zarmax.

Jichad li matul l-2019 il-konvenut Victor bghat ghalih sabiex izarma. Jghid li anzi kien ikun hu li jcempillu u jsaqsih fiex wasal ghaliex kellu bzonn l-istruttura b'dan li Victor kien jghidlu li ghadhom mhux lesti.

Izid li Victor kien jghidlu li ser ikellmu hu u kull darba jghidlu ghal-liema xahar kien ser ikellmu jew kellu jipprepara sabiex izarma. Jghid li huwa kien imbaghad icempillu x'hin joqrob jew f'dak ix-xahar u Victor jerga jghidlu li ghadhom lura.

Jghid li l-i*scaffolding* ingabret biss f'Jannar, 2020.

Muri r-ritratt ezebit mill-konvenut Victor,[15] jghid li l-konvenut rid izomm l-istruttura mhux biss fejn immarka bil-linji dijagonali izda mad-dawra ta' dik il-kantuniera shiha kif ukoll parti ohra fejn tarag li ma' jidhirx fir-ritratt.

Jghid li meta l-konvenut Victor talbu jhalli dawn il-partijiet tal-istruttura hu lmenta mieghu li ma' setghux jaghmlu hekk. Jghid li ghalhekk imbaghad izzarma kollox f'Jannar, 2020.

Jezebixxi sett ta' hames ritratti. Jghid li dawn juru li saru hsarat fl-i*scaffolding* li anqas biss talbu xejn taghhom.[16]

Jghid li fl-2019 waqt li kien ikun fuq is-sit ta' *Barts* gieli ghaddha minn quddiem is-sit ta' Bigeni u kien jara xogholijiet ghaddejjin. Izid li l-faccata anqas kien ghadha lesta sabiex setgha jizzarma l-i*scaffolding*.

**In kontro-ezami**,[17] xehed li fl-2019 huwa kien jghaddi minn quddiem is-sit ta' Bigeni u josserva li x-xoghol kien ghadu lura. Jghid li parti mill-

[15] Ritratt f'enevelop abjad a fol 99.
[16] Ritratti f'enevelop ta' lewn abjad a fol 113.
[17] Traskrizzjoni a fol 108 sa 112.

faccata kien ghadha mhux lesta. Izid li l-kisi kien ghadu mhux lest. Jghid li anqas l-irham ma' kien lest.

Jghid li sal bidu tal-2019 anqas il-kostruzzjoni proprja ma' kien ghadha lesta.

Jghid li huwa ma' kienx jieqaf fuq is-sit ta' Bigeni. Izid li kien jghaddi u jibqa ghaddej ghal triqtu.

Mistoqsi jekk bhala stat ta' fatt jaqbilx li l-i*scaffolding* kienet koperta b'*netting* li minnha ma' setghax tassew jara f'liema stadju kien wasal ix-xoghol mal-faccata jghid li ma' jaqbilx. Izid li n-*netting* taghhom tippermetti vizwali. Jirreferi ghar-ritratti ezebiti minnu li jghid li juru dan.[18]

**In kontro-ezami ulterjuri**,[19] xehed li jaqbel li fi hdan is-socjeta' attrici huwa biss jiehu hsieb kwotazzjonijiet b'dan li arrangamenti fuq hekk mas-socjeta' konvenuta setghu isiru biss mieghu.

Jaqbel li meta tkellem mal-konvenut Victor dwar rati huma tkellmu biss dwar rata sal-ahhar tas-sena 2018. Muri kwotazzjoni mibghuta minnu lill-konvenut Victor Bigeni b'email tat-23 ta' Ottubru, 2017,[20] jghid li dik kienet giet qabel il-kwotazzjoni finali.

Jobbliga ruhu li jezebixxi kopja tal-kwotazzjoni finali.[21]

**In kontro-ezami ulterjuri**,[22] mistoqsi dwar it-tieni kwotazzjoni li bghat lill-konvenuti u li obbliga ruhu li jezebixxi, jghid li bhala kwotazzjonijiet kien hemm wahda mibghuta bl-email qabel sar ix-xoghol imbghad kien hemm ohra meta sar ix-xoghol. Jghid li t-tieni wahda saret bil-kitba. Izid li l-iskrittura dwar it-tieni wahda hija diga ezebita.

Jaqbel li l-konvenut Victor Bigeni kien determinat u nsistenti li sal-ahhar ta' Dicembru, 2018 l-i*scaffolding* kellha tizzarma. Jaqbel ukoll li kien l-istess konvenut Bigeni li nsista fuq l-iskrittura bl-idejn u li fuqha titnizzel id-data ta' l-ahhar ta' Dicembru, 2018.

[18] Ritratti f'envelop ta' lewn abjad a fol 113.
[19] Traskrizzjoni a fol 199 sa 201.
[20] Kopja tal-kwotazzjoni a fol 166 u 167.
[21] Obbligu traskritt fil-verbal tal-24 ta' Frar, 2023 a fol 202 u 203.
[22] Traskrizzjoni a fol 236 sa 246.

Jaqbel ukoll li fejn is-sulari tal-lukanda huma rtirati 'il gewwa kif ukoll fejn hemm appogg ma' terzi ma' kienx intrama *scaffolding*.

Jaqbel li l-ammont dovut sal-ahhar tal-2018 thallas.

Mistoqsi jekk hargux fattura ghal-valur reklamat ghall-2019 jghid li le ghaliex ma' riedux johorgu fattura li jkollhom ihallsu il-VAT fuqha mbaghad ma' jithallsux. Jghid li dan minkejja li kull meta ntalab ihallas il-konvenut Victor Bigeni dejjem hallas.

Jaqbel li fl-2019 l-i*scaffolding* kien dak li kien, bil-qisien tieghu la zdiedu u anqas naqsu, u dan ghaliex l-i*scaffolding* kollu ntrema' fl-2018, anke jekk f'fazijiet skond l-gholi tal-bini. Mistoqsi allura x'zammhom milli johorgu fattura ghall-2019 jghid li ghax ma' kellhomx cans jitilghu jkejlu.

Jghid li ma' jiftakarx harigtx rikjesta ta' pagament wara l-2018.

Mistoqsi kienx jikteb lill-konvenut Victor Bigeni jghidlu li ghandu bzonn izarma l-i*scaffolding* u dwar valuri reklamati ghall-2019 jghid li huwa kien icempel lill Bigeni u jghidlu li kellu bzonn l-istruttura ghal xoghol fis-sit tal-isptar. Izid li Bigeni kien dejjem jghidlu li kien ser ikun lest mill-i*scaffolding* dalwaqt. Jghid li ittri jew messaggi qatt ma' bghat.

Jaqbel li l-ammont reklamat ghall-2019 talbu minghand il-konvenut Victor Bigeni meta kienu qed izarmaw l-i*scaffolding*.

Jaqbel li kemm meta kwota *lump sum* payment permezz ta' email u kemm meta hu u l-konvenut Bigeni qablu fuq ir-rata ta' €13, *hidden charges* ma' kellux ikun hemm. Jghid li dan kien ghaliex l-i*scaffolding* kellu jinzamm sal-ahhar ta' Dicembru, allura ghal-4 xhur biss.

Riferut ghal dak li ddikjara fix-xhieda precedenti tieghu li tul l-2019 il-konvenut Victor kien jghidlu li ghadhom mhux lesti u li hu kien jghaddi minn qrib is-sit u jara li x-xoghol ghadu lura; riferut ukoll ghar-ritratti ezebiti mil-Perit Andrea Bigeni mad-dikjarazzjoni mahlufa tieghu, jghid li meta huwa kien jghaddi minn hemm ix-xoghol kien jidher ghadu lura.

Mistoqsi jekk kull meta kien jghaddi minn qrib is-sit rax jekk ghalmenu faccata wahda minn tlieta setghetx tizzarma jghid li dak il-konvenut

Bigeni kellu jghidlu xi jzarma u hu kien izarma ghax l-istruttura huwa kellu bzonnha.

**In re-ezami**,[23] xehed li l-fattura nharget biss fl-ahhar meta marru jzarmaw l-i*scaffolding* sabiex inhareg ammont shih mhux joqodu johorgu l-ammont bicca bicca.

Muri ghal darb'ohra r-ritratti nkluzi mad-dikjarazzjoni mahlufa tal-Perit Andrea Bigeni jghid li ghalih dik l-i*scaffolding* ma' setghetx tizzarma ghaliex l-aperturi kien ghadhom mhux installati.

**Il-Perit Victor Bigeni**, konvenut, u direttur manigerjali tas-socjeta' konvenuta, xehed[24] *jiena managing director tal-kumpanija u konna qieghdin nibnu lukanda hemmhekk*[25] – Marsalforn.

Jghid li bhala direttur manigerjali lis-socjeta' konvenuta jmexxiha hu u jiddeciedi hu. Izid li l-ishma fis-socjeta' konvenuta huma maqsumin bejnhu u bejn martu.

Jghid li waqt ix-xogholijiet ta' kostruzzjoni tal-lukanda kienu nvoluti kemm hu kif ukoll ibnu li huwa perit bix-xoghol kien jinqasam bejniethom.

Jaqbel li ghax-xoghol ta' kostruzzjoni kellhom bzonn *scaffolding*.

Jispjega li *scaffolding* jinbena bicca, bicca b'dan li jghola mal-bini. Izid li l-i*scaffolding* jintuza mill-bennej izda anke waqt il-*finishing works* u allura minn min jiksi. Jghid li tal-aperturi, bhal tal-irham, jahdmu minn fuq gewwa tal-binja u m'ghandhomx bzonn *scaffolding*.

Mistqosi mill-Qorti jekk certu irhamar fuq barra, bejn gallarija u ohra, isirx minn fuq l-i*scaffolding* jaqbel li iva. Jghid izda li fil-progett taghhom irham fuq barra ma' kienx hemm. Izid li barra kellhom biss kisi.

---

[23] Traskrizzjoni a fol 246 u 247.
[24] In subizzjoni, traskrizzjoni a fol 74 sa 80.
[25] Citazzjoni mil-pagna tat-traskrizjzoni a fol 74, isfel nett tal-pagna.

**In kontinwazzjoni**,[26] xehed li x-xoghol tal-aluminju tal-aperturi ta' barra sar minn Antonello Camilleri, ix-xoghol ta' *travertine* sar minn Yamen Bakri, mentri x-xoghol tal-kisi sar minn xi nies mil-Ghana li m'ghandux dettalji dwarhom ghax kienu jinbiddlu ta' kuljum.

Jaqbel li l-ftehim mas-socjeta' attrici kien li l-i*scaffodling* kellu jintrama ghal April, 2018 u jizzarma sal-ahhar ta' Dicembru, 2018.

Jaqbel ukoll li bhala fatt ma' garax hekk bl-istruttura damet armata tul l-2019 kollu.

Jghid li x-xoghol tal-bini tlesta ghal kollox fl-2018. Izid li x-xoghol tal-kisi wkoll tlesta fl-2018.

Jghid li l-aperturi tal-aluminju saru hafna wara. Izid li dan peress li l-istess ma' setghax isir minhabba li kien ghad hemm l-i*scaffolding* li kien ta' ostaklu.

Mistoqsi jiccara ghalfejn allura meta s-socjeta' attrici giet sabiex izzarma fl-2020 huwa talab li ma' zzarmax kollox, jghid li huwa minnu li huwa rid li tithalla parti mill-i*scaffolding*. Permezz ta' ritratt jispjega li fuq barra kien hemm bieb finta li tal-aluminju rid iwahhlu minn barra, mhux minn gewwa bhal l-ohrajn. Jghid li ghalhekk biss rid li jithallew partijiet mill-i*scaffolding*. Izid li dan ukoll ghaliex is-socjeta' attrici ma' kienitx mghagla sabiex izzarma.

Mistoqsi ghal darb'ohra jghid li allura f'Jannar tal-2020 ix-xogholijiet tal-aluminju kien gahdhom mhux lesti.

Jaqbel li fl-2018 kien juza l-i*scaffolding* ghax kien ghadu tiela l-bini. Jghid izda li fl-2019 l-istess *scaffolding* m'uzawh qatt. Dwar l-2020 jghid li xtaqu juzawh minhabba l-bieb tal-aluminju finta imma tnehha b'dan li gab *high up* sabiex sar l-istess bieb finta.

Jghid li s-sena li kien ser jizzarma l-i*scaffolding* huwa kien ser jibda jaghmel l-aluminju ta' barra. Jghid li sabiex isir l-aluminju bilfors rid jizzarma l-i*scaffolding* sabiex ikun hemm *clearance*. Izid li huwa kellu[27]

[26] Traskrizzjoni a fol 82 sa 98.
[27] Il-Qorti tosserva l-kelma preciza utilizzata mill-konvenut Victor Bigeni aktar minn darba bhala "jiena" – ref. l-ewwel paragrafu tal-pagna tat-traskrizzjoni a fol 94.

bieb finta li kellu jsir minn barra, mhux minn gewwa, u kien hawn li talab lis-socjeta' attrici jekk setghetx thallielu parti wahda mill-istruttura. Jghid li dan kien f'Jannar, 2020. Jghid li minn tul ta' xi 80 metru rid li s-socjeta' attrici thallielu xi 4 metri.

Mistoqsi jekk allura tul l-2019, fejn qal li ghalkemm l-i*scaffolding* kien ghadu fuq il-post huwa qatt m'ghamel uzu minnu, qattx bghat messagg lis-socjeta' attrici sabiex tmur izzarma l-istess struttura, jghid li kien cempel. Izid li qatt ma' bghat email, sms, jew ittra izda kien dejjem jikkomunika bit-telefon.

**Xehed ulterjorment** permezz ta' affidavit.[28] Jiddikjara li huwa wiehed mil-konvenuti u li l-konvenuta l-ohra, is-socjeta' *V. Bigeni Co. Limited*, hija proprjeta' tieghu u ta' martu billi huma azzjonisti fiha.

Jghid li fl-2016 kien deher fuq kuntratt flimkien ma' nies li qabel kien jahdem maghhom fil-qasam tal-bini sabiex is-socjeta' tieghu u ta' martu, socjeta' ukoll konvenuta f'dawn il-proceduri, akkwistat sit imdaqqas fi Triq ir-Rabat, Marsalforn, Ghawdex. Izid li ghalhekk, din il-proprjeta' ma' giext akkwistata minnu izda mis-socjeta' tieghu ukoll konvenuta.

Jezebixxi kopja tal-kuntratt relattiv.[29]

Jiddikjara li wara l-akkwist tas-sit imsemmi, nibtet l-idjea li s-socjeta' tieghu u ta' martu tizviluppa l-istess f'lukanda.

Jghid li originarjament rid li l-lukanda tiftah lejn Settembru, 2020 b'dan li meta faqqet il-pandemija tal-*Covid-19* fi Frar 2020 kien iddecieda illi jimbotta d-data tal-ftuh il-quddiem sakemm is-sitwazzjoni tigi ghan-normal.

Jiddikjara li minkejja dan, matul is-sena 2020 ix-xoghol fil-lukanda ma' kienx wieqaf izda baqa' ghaddej, biss b'ritmu anqas mghaggel.

Jghid li tul il-kors tax-xogholijiet ma' kienx hemm intoppi kbar u kollox mexa b'pass tajjeb. Izid li fil-fazi tal-kostruzzjoni ma' waqghux lura u qabel ma' tfaccat il-pandemija kollox kien miexi skond it-*timeframes*

[28] Affidavit a fol 120 sa 129 b'dokumentia fol 130 sa 155.
[29] Kopja ta' kuntratt ta' assenjazzjoni ta' proprjetajiet varji datat is-16 ta' Marzu, 2016 in atti Nutar Kristen Dimech a fol 130 sa 152; ref: assenjazzjoni fil-pagna a fol 145 tal-istess kuntratt tas-16 ta' Marzu, 2016.

maqbula. Jghid li kwalunkwe' dewmien li setgha kien hemm kien *self-imposed* minnu in vista tal-pandemija. Izid izda li dan kien biss b'effet minn Frar, 2020 – meta faqqet il-pandemija – 'il quddiem.

Jghid li l-i*scaffolding* fil-fazi tal-kostruzzjoni huwa rikjest bil-ligi mil-livell tat-tieni sular 'il fuq. Izid li ghalhekk waqt li kien diga ghaddej ix-xoghol ta' kostruzzjoni kien beda jigbor xi stejjem sabiex malli jasal fit-tieni sular ikun preparat, bix-xoghol ikun jista jibqa' ghaddej minghajr skossi.

Jiddikjara li kien ghamel kuntratt ma' Daniel Montebello tas-socjeta' attrici kif ukoll ma' socjeta' ohra b'dan li fl-ahhar ghazel li jahdem mas-socjeta' attrici peress li l-prezz taghha kien aktar kompetittiv. Izid li s-socjeta' attrici accertatu li ma' kienx ser ikun hemm *hidden charges*.

Jghid li meta kkonferma lis-socjeta' attrici li kienu ser jahdmu maghha kienu ffirmaw skrittura bejniethom. Jezebixxi kopja tal-istess skrittura.[30] Izid li fl-istess skrittura ftehmu fuq il-prezz u li l-i*scaffolding* kellu jizzarma sal-ahhar tas-sena 2018. Jghid li l-iskrittura saret fuq insistenza tieghu.

Jiddikjara li meta lehqu t-tieni sular beda jigi armat l-i*scaffolding*. Izid li l-istess *scaffolding* kien qed jintrema pass, pass – *in stages* – fis-sens li kien dejjem jitgholla xi zewg sulari 'il fuq minn fejn ikun wasal il-bennej.

Jghid li huwa dejjem tkellem ma' Daniel Montebello ghan-nom tas-socjeta' attrici u ma' hadd aktar.

Jghid li l-i*scaffolding* ma' baqax tiela sa fuq nett tal-lukanda peress li l-ahhar zewg sulari tal-lukanda huma rtirati 'il gewwa dawra mejt hlief ghal appogg ma' blokka ta' appartamenti ta' terzi. Izid li hemmhekk ma' kienx hemm bzonn ta' *scaffolding*.

Jiddikjara li peress li l-progett kien kbir setghu jibdew bil-kisi tal-faccata mas-sulari ta' isfel waqt li kien ghadhom jinbnew is-sulari ta' fuq. Izid li b'dan, x'hin tlesta l-bini kollu l-kisi estern kien diga mexa tajjeb.

Jghid li x-xoghol ta' kisi estren sar f'zewg stadji: l-ewwel inghatat kisja siment griz imbaghad kisja muzajk abjad. Jghid li l-faccata ghandha

[30] Skrittura miktuba bl-idejna fol 153 li hija l-istess bhal dik ezebita mis-socjeta' attrici a fol 41.

wkoll logog – qishom galleriji msaqqfa – li gew mlibbsa bit-*travertine*. Izid li dan it-*travertine* kien qed jigi nstallat mal-hitan flimkien max-xoghol ta' kisi estern sabiex kollox jaghlaq flimkien.

Jiddikjara li x-xoghol ta' kisi u tat-*travertine* tlesta kollu sal-ahhar tal-2018. Jghid li fil-fatt sal-ahhar tal-2018 mhux talli helsu mill-bzonn tal-i*scaffolding* talli kienu bdew ix-xoghol ta' kisi fejn qatt ma' kien hemm bzonn *scaffolding*. Izid li huwa ovvju li huma l-ewwel helsu x-xoghol fejn kellhom obbligi lejn terzi bhas-socjeta' attrici mbaghad ghaddew ghal xoghol iehor.

Jaghti rendikont tal-programm ta' xoghol u haddiema li kien implimenta sabiex ix-xoghol ta' kisi tlesta sal-ahhar tal-2018.

Jghid li meta wasal l-ahhar tas-sena 2018 u bdiet is-sena 2019 kien qed jistenna telefonata minghand Daniel Montebello sabiex jizzarma l-i*scaffolding* skond il-ftehim li kellhom. Jghid izda li baqa' ma' sema xejn minghand Montebello. Jghid li ghalhekk, f'Marzu 2019 kien cempel hu lill Montebello sabiex jghidlu jmur izarma l-i*scaffolding*. Jghid li hawn Montebello saqsih jekk l-i*scaffolding* kienx qed itellfu. Izid li x'hin irrispondieh li huwa kien qed jahdem fuq gewwa u ghalhekk ma' kienx qed jaffetwah, Montebello qallu jhalli f'idejh sabiex inehhih. Izid li huwa hekk ghamel.

Jiddikjara li wara dan ma' sema xejn izjed minghand Montebello. Jghid li hu ma' ghadtx idejqu ghaliex kien baqalu hafna xoghol xi jsir fuq gewwa u l-i*scaffolding* ma' kienx qed itellfu. Izid li hu kien mohhu mistrieh peress li f'ghajnejh il-ftehim ta' bejniethom kien car.

Jghid li tul dan il-perijodu kollu l-i*scaffolding* ma' ntuza qatt u ma hadu ebda beneficcju minnu peress li x-xoghol li kien ghaddej kien kollu ghaddej fuq gewwa.

Jiddikjara li huwa ma' kienx imhassab ghaliex kien ra li l-istess socjeta' attrici kellha *scaffolding* iehor ma' lukanda ohra ukoll f'Marsalforn li kien baqa' armat minkejja li x-xoghol fuq tali lukanda kien ilu wieqaf.

Jannetti ritratt ta' din il-lukanda oħra u jgħid li minħabba f'dak li kien qed jiġri hemm huwa ħaseb li s-soċjeta' attriċi ma' kellix għaqla sabiex iżżarma l-i*scaffolding*.[31]

Jiddikjara li kif qorob l-aħħar tas-sena 2019, ix-xogħol ta' tqegħid ta' madum intern u kisi ntern kien fi stadju avvanzat. Jgħid li l-pass li kien imiss kien l-aperturi tal-aluminju ta' barra. Jgħid li dawn kienu diġa tkejjlu u bdew jinħadmu. Jgħid li kien f'dan iż-żmien li reġgħa kkuntatja lill Daniel Montebello u nsista miegħu li issa kellu jiżżarma l-i*scaffolding* għaliex jekk qabel ma' kienx itellef, issa kien ser itellef lill ta' l-aluminju.

Jgħid li għaddew ftit ġimgħat oħra u ma' kienx hemm ċaqliqa b'dan li reġgħa ċempel lill Montebello u din id-darba insista bil-qawwa dwar it-tneħħija tal-i*scaffolding*. Jgħid li lill Montebello qallu wkoll li kellu aktar minn biżżejjed żmien sabiex iżarma l-i*scaffolding*. Jgħid li Montebello ma' ħaxx gost bit-ton tiegħu iżda hu kellu jkun insistenti u iebes għax ħass li l-messaġġ ma' kienx qed jasal.

Jiddikjara li wara l-aħħar telefonata tiegħu ma' Montebello ġew l-istess Montebello u xi ħaddiema tas-soċjeta' attriċi fuq il-post u bdew iżarmaw l-i*scaffolding*. Jgħid li jikkolkola li kien hemm ftit inqas minn ġimgħa xogħol fuq kull waħda mit-tlett faċċati li kellhom armati bl-i*scaffolding*.

Jgħid li fuq il-parti tal-faċċata tal-ġenb hemm ringila ta' twieqi ta-kmamar tal-banju f'kull sular fuq xulxin. Jgħid li dawn it-twieqi kienu diżinjati li minn ġol-kamra tal-banju jidhru ta' qies mod mentri minn barra, mit-triq, jidhru ferm akbar. Jannetti ritratt fejn jimmarka din ir-ringila ta' aperturi.[32]

Jgħid li waqt li kien għaddej ix-xogħol ta' żarmar tal-i*scaffolding* fuq il-faċċata tal-ġenb kien staqsa lill Montebello jekk iħallilux parti zgħira tal-wisgħa ta' 4 metri armata li titla ma' din ir-ringila ta' aperturi.

Jgħid li din ma' kienitx xi ħaġa li pjana minn qabel iżda ħsieb li ġieħ f'moħħu waqt li kien qed jiżżarma l-i*scaffolding*. Iżid li kien ħaseb li din tkun ta' għajnuna għall-instalazzjoni tal-aperturi tal-aluminju tal-kmamar tal-banju. Jgħid li ħaseb li tali installazzjoni kienet tkun aktar faċli bl-użu tal-i*scaffolding*.

[31] Ritratt a fol 154.
[32] Ritratt a fol 155.

Jerga jghid li dan il-hsieb gieh biss waqt li kien qed jizzarma l-i*scaffolding*. Jerga jghid ukoll li mindu lestew ix-xoghol ta' kisi estern ma' kellhom assulutament ebda bzonn tal-i*scaffolding*. Jghid li s-suggeriment ghamlu wkoll ghaliex f'mohhu kellu li Montebello ma' kienx mghaggel ghall-i*scaffolding* peress li kien dam xhur shah jistennih imur izarma.

Jghid li malli ghamel dan is-suggeriment lill Montebello dan qallu "mela int mhux lest mix-xoghol?". Izid li huwa dlonk irrisponda li kien ilu lest u billi dak il-hin stess issuspetta biex kien gej Montebello qallu jzarma kollox. Izid li fil-fatt Montebello zarma kollox. Jghid li l-aperturi tal-kmamar tal-banju gew imbaghad installati bl-uzu ta' *crane* u gagga.

Jghid li sa dakinhar li zzarma l-i*scaffolding* la Montebello u anqas hadd iehor ma' nfurmawh li kien ser ikun hemm xi ammonti dovuti apparti l-bilanc li kien fadal. Jghid li mhux hekk biss izda mill-1 ta' Jannar, 2019 sal-gurnata li zzarma l-i*scaffolding* ma' sar ebda xoghol ta' manutenzjoni fuq l-i*scaffolding*. Izid li huwa anqas ircieva xi fattura, telefonata, jew korrispondenza kwalsiasi minghand is-socjeta' attrici.

Jiddikjara li meta zzarma l-i*scaffolding* kellem lill Montebello sabiex ihallas il-bilanc li kien baqa' pendenti skond il-ftehim ta' bejniethom. Jghid li talab li l-hlas ikun finali u a saldu izda Montebello ma' rid jikteb xejn dwar dan fuq l-ircevuta u hemm faqqa l-bomba li kien qed jippretendi hlas ghall-2019. Jghid li huwa rrifjuta ghaliex il-ftehim ta' bejniethom kien car, ghax kien Montebello li naqas milli jzarma fil-hin, u ghax huwa kien assugurat li ma' kienx ser ikun hemm *hidden charges*.

Jiddikjara li x-xoghol kollu ntrapriz fil-lukanda kien qed isir f'isem is-socjeta' konvenuta li huwa rapprezentant taghha. Izid li kull ordni li ghamel u struzzjonijiet li ta dejjem taghhom f'isem l-istess socjeta'.

Jghid li huwa qatt ma' oggezzjona li jhallas il-bilanc dovut ghal-2018 izda joggezzjona ghal dak mitlub mill-1 ta' Jannar, 2019 'il quddiem.

**In kontro-ezami,**[33] xehed li jaqbel li l-ftehim kien li l-i*scaffolding* jizzarma fl-ahhar tal-2018. Jaqbel ukoll li f'Marzu 2019 huwa cempel l-ewwel darba lill Montebello sabiex imur izarma l-istess *scaffolding*.

[33] Traskrizzjoni a fol 196 sa 198.

Jaqbel allura li skontu kien lest mill-i*scaffolding* fl-ahhar tal-2018 izda cempel l-ewwel darba lill Montebello sabiex imur inehhi l-istess f'Marzu, 2019. Mistqosi kif kien lest minnu u stenna tlett xhur sabiex cempel lill Montebello jghid li stenna xahrejn u nofs.

Jghid li wara dan reggha cempell lill Montebello lejn l-ahhar tal-2019 ghaliex imbaghad l-i*scaffolding* kien ser itellef l-installazzjoni tal-aperturi tal-aluminju ta' barra.

Jghid li huwa dawk id-darbtejn biss jaf li cempel lill Montebello. Jaqbel li dawn it-telefonati saru f'Marzu 2019 u fl-ahhar tal-2019. Izid izda li ma' jeskludiex li cempillu xi darba ohra bejn dawk iz-zewg drabi.

Jghid li ittra, email, jew messagg bit-telefon cellulari qatt ma' kitiblu lill Montebello. Izid li kienu jikkomunikaw biss bit-telefonati.

Mistoqsi jekk lill Montebello qattx semmielu lis-socjeta' konvenuta waqt in-negozjati ta' bejniethom jghid li huwa ovvju li huwa dejjem ghan-nom tal-istess socjeta' jagixxi. Mistqosi mil-Qorti jghid li ma' jistax jghid jekk qattx qallu specifikatament li kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.

Jghid li l-pagamenti li ghaddha lill Montebello dejjem ghaddihomlu fi flus kontanti.

**Il-Perit Andrea Bigeni**, xehed permezz ta' dikjarazzjoni mahlufa li tinkludi varji ritratti.[34] Jiddikjara li l-lukanda in mertu ghandha faccata fuq quddiem, ohra fuq wara, u ohra fil-genb. Izid li ghandha wkoll hajt in komun ma' proprjeta' ta' terzi.

Jiddikjara li l-i*scaffolding* ittella mal-faccati ta' quddiem, tal-genb u ta' wara u sas-sebgha sular  stante li it-tmien, disa', u ghaxar sulari jikkonsistu f'zewg sulari rtirati u l-ghola bejt.

Jghid li l-istruttura kienet necessarja sabiex jinksew il-hitan.

[34] Dikjarazzjoni mahlufa a fol 156 sa 165 b'dokumenti a fol 166 u 167.

Jgħid li l-ħitan ta' kull faċċata tal-lukanda kienu miksija b'bazi ta' siment griż, *travertine* fil-ħitan interni u l-isqfa tal-loġġ, u finitura bajda li għalqet kollox.

Jiddikjara li kull parti tal-istruttrua tal-lukanda li tiġi 'il fuq mis-seba' sular ma' kellhiex bżonn l-użu tal-i*scaffolding* peress li t-tmien u d-disa' sulari huma rtirati l-ġewwa mentri l-għaxar sular huwa l-bejt. Iżid li hawnhekk ix-xogħol sar kollu mit-terrazzini. Iżid li x-xogħol fuq il-ħajt in komun ma' proprjeta' ta' terzi ukoll ma' sarx mill-i*scaffolding* iżda sar minn fuq il-bejt tal-proprjeta' tal-ġirien tal-lukanda.

Jiddikjara li x-xogħol ta' kisi fuq il-faċċati kollha li kellhom il-ħtieġa tal-i*scaffolding* tlesta sal-aħħar tas-sena 2018. Jannetti żewġ ritratti li juru dan.[35] Jgħid li meta tlestew ix-xogħolijiet li kienu jinneċessitaw l-użu tal-i*scaffolding* komplew bix-xogħolijiet aktar 'il fuq mis-seba' sular tal-binja u dan kif jidher mir-ritratt datat id-29 ta' Diċembru, 2018.[36]

Jeżebixxi ritratt li juri li kull ma' kien baqa' mhux miksi mil-parti fejn kien hemm l-i*scaffolding* kienet kantuniera zgħira. Jgħid li din diġa kellha l-kisja siment griż iżda mhux il-finitura bajda.[37]

Jeżebixxi wkoll sensiela ta' ritratti li juru l-istat tal-i*scaffolding* tul l-2019. Jgħid li ebda xogħol ta' manutenzjoni ma' sar fuq l-istruttura mis-soċjeta' attriċi tul l-2019 u sakemm tneħħiet.

**In kontro-eżami**,[38] xehed li huwa jiġi iben il-konvenut Victor Bigeni. Iżid li fil-proġett tal-bini tal-lukanda huwa kien involut fil-parti teknika. Jgħid li f'dan is-sens huwa kien jara li x-xogħol kien qiegħed isir kif suppost – skond is-sengħa u l-arti – iżda ma' kienx imexxi t-*timelines*.

Jgħid li għalkemm huwa ġieli tkellem ma' Daniel Montebello rigward l-i*scaffolding* huwa ma' kienx involut fil-ftehim li kien sar dwar l-istess.

Jgħid li r-ritratti li nkluda fid-dikjarazzjoni maħlufa tiegħu ħadhom huwa, minnhom bi *drone* u minnhom bit-telefon ċellulari. Jaqbel li d-dati

[35] Ritratt datat il-21 ta' Novembru, 2018 u ieħor datat id-29 ta' Diċembru, 2018, it-tnejn a paġna 7 tad-dikjarazzjoni ġuramentata tal-perit li tiġi a fol 162 tal-process.
[36] Ritratt a fol 162.
[37] Ritratt a fol 163 juri d-data tat-23 ta' Marzu, 2022.
[38] Traskrizzjoni a fol 204 sa 207.

li jidhru fuq ir-ritratti kitibhom hu fuq l-istess ritratti meta kien qieghed jikkumpila d-dikjarazzjoni mahlufa tieghu.

Mistoqsi jafx li l-kwistjoni fil-kawza hi dwar il-fatt li l-i*scaffolding* dam armat ghal cirka sena aktar milli kien miftiehem jghid li jaf. Mistoqsi jekk qattx kiteb messagg, email jew ittra lis-socjeta' attrici dwar dan jghid li ma' jahsibx. Jghid li hu jaf biss li l-i*scaffolding* kien hemm u thalla hemm.

Izid li tul l-2019 l-i*scaffolding* huma ma' kellhomx bzonnu. Jerga jtenni li minkejja dan huwa qatt ma' kiteb lill Daniel Montebello sabiex imur inehhi l-i*scaffolding*.

**In re-ezami**,[39] xehed li kull ritratt li jittiehed b'kamera moderna jgorr mieghu dettalji teknici dwar l-istess ritratt maghrufa bhala *meta data*.

Jezebixxi kopja tal-*meta data* dwar kull ritratt inkluz fid-dikjarazzjoni mahlufa tieghu.[40] Izid li fuq l-istess *meta data* mmarka bl-isfar id-data u l-hin meta ttiehed kull ritratt.

Jghid li huwa kien involut biss fuq spezzjoni li x-xoghol qed isir sew u mhux fuq armar u zarmar tal-i*scaffolding*.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawza s-socjeta' attrici talbet lill din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom jew min minnhom huma debituri taghha fil-valur totali ta' €43,415.31 jew somma verjuri rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' kiri ta' *scaffolding*. Talbet ghalhekk sabiex din il-Qorti tordna l-hlas lilha tal-istess valur jew valur verjuri mill-konvenuti flimkien u *in solidum* jew min minnhom.

Fil-premessi taghha, is-socjeta' attrici spjegat li dan l-ammont reklamat minnha huwa dovut in parte f'bilanc dovut ghas-servizz rez minnha lill-konvenuti tul is-sena 2018 u in aprte f'somma dovuta minhabba

[39] Traskrizzjoni a fol 207 u 208.
[40] Dokumenti a fol 210 sa 235.

tardivita' f'li tigbor l-istruttura ta' *scaffolding* taghha lura minghand il-konvenuti kagun ta' nuqqas tal-konvenuti f'li jlestu minnha fit-terminu pattwit.

Il-konvenuti laqghu ghal dan billi eccepew li l-konvenut Victor Bigeni *proprio* m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu ghalhekk jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Eccepew ukoll li s-socjeta' konvenuta qatt ma' ikkontestat li huwa dovut l-ammont ta' €7,657.79 lill dik attrici relattivament ghal servizz ta' kiri ta' *scaffolding* rez lilha mis-socjeta' attrici ghas-sena 2018. B'dan li izda ziedu jeccepixxu li ebda ammont iehor m'huwa dovut lis-socjeta' attrici kif qed tippretendi hi.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi qabel tghaddi ghall-osservazzjonijiet fil-mertu u legali taghha, din il-Qorti thoss li huwa opportun li jsir riassunt fil-qosor tal-fatti saljenti li waslu ghal din il-kawza.

M'huwiex ikkontestat li:

i. Is-socjeta' attrici tirrendi servizz ta' kiri, nstallazzjoni u zarmar ta' strutturi ta' *scaffolding*;
ii. Il-konvenuti jew min minnhom talbu lill-istess socjeta' attrici sabiex tinstalla struttura ta' *scaffolding* f'sit f'Marsalforn, Ghawdex fejn kienu qed imexxu progett ta' bini ta' lukanda;
iii. Il-partijiet kontendenti dehru fuq skrittura privata fejn qablu dwar il-metragg ta' *scaffolding* installat mis-socjeta' attrici kif mitlub minnha,[41] il-valur bil-metru kwadru li kellu jigi rekat lill-konvenuti jew min minnhom ghall-istess,[42] hlas maghmul bil-quddiem,[43] data ta' meta kellu jkun saldat il-bilanc finali, u data sa meta kellu jizzarma l-i*scaffolding*;[44]
iv. Il-partijiet kontendenti qablu ghalhekk – kif jirrizulta ampjament car anke mix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici, tal-

[41] 1, 370.27 m.k. – kif jirrizulta mill-iskrittura ezebita mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici a fol 41 kif ukoll mill-kovennuti a fol 153.
[42] €13– kif jirrizulta mill-iskrittura ezebita mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici a fol 41 kif ukoll mill-kovennuti a fol 153.
[43] €15,000 – kif jirrizulta mill-iskrittura ezebita mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici a fol 41 kif ukoll mill-kovennuti a fol 153.
[44] L-ahhar tas-sena 2018– kif jirrizulta mill-iskrittura ezebita mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici a fol 41 kif ukoll mill-kovennuti a fol 153.

konvenut Victor Bigeni, u tal-provi prodotti f-isem is-socjeta' konvenuta – li l-i*scaffolding* kellu jigi zarmat sal-ahhar ta' Dicembru tas-sena 2018.

Hawnhekk, imbaghad, jibda id-dizgwid bejn il-partijiet.

Filwaqt li s-socjeta' attrici tikkontendi li r-rapprezentant taghha Daniel Montebello gera wara l-konvenut Victor Bigeni sabiex izarma u jigbor l-istruttura tal-i*scaffolding* entro t-terminu kif miftiehem – u allura sal-ahhar ta' Dicembru, 2018, bil-konvenut Victor Bigeni dejjem qallu li kienu ghadhom mhux lesti mill-htiega taghhom tal-istess struttura sakemm imbaghad din izzarmat biss fil-bidu tal-2020; il-konvenuti jikkontendu li huma kienu lesti mill-istruttura tal-i*scaffolding* sal-ahhar tal-2018 kif miftiehem b'dan izda li meta kkumunikaw mas-socjeta' attrici sabiex l-istess tmur izzarma u tigbor din l-istruttura, din m'ghamlitx hekk b'dejjem qaltilhom li jekk mhux iddejjaqhom kienet ser tingabar aktar tard.

Il-partijiet kontendenti lkoll jghidu li fejn huma kellmu lil xulxin dwar iz-zarmar u gbir tal-istruttura tal-i*scaffolding*, tali diskors dejjem sar bil-kelma permezz ta' telefonati b'dan li din il-Qorti m'ghandha ebda prova dokumentarja dwar min tassew kien qed jghid lil min sabiex tittiehed l-azzjoni ta' zarmar tal-istruttura.

Hawnhekk din il-Qorti ghandha allura quddiemha kwistjoni ta' divergenza fix-xhieda ghal-liema raguni, din il-Qorti ser tirreferi ghal gurisprudenza.

Il-gurisprudenza nostrana hija ampja u konsistenti f'dan ir-rigward.

Fid-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet ***Angelo Sant et vs Paul Sant et*,**[45] gie ritenut li meta si tratta ta' zewg verzjonijiet kontrastanti, il-kaz necessarjament jirriduci ruhu f'wiehed ta' kredibilita' u verosimiljanza tal-verzjonijiet moghtija.

Bl-istess mod, fid-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***George Bugeja vs Joseph Meilak*,**[46] gie ritenut:

[45] Appell Civili Numru. 152/1999/2.
[46] Citazzjoni Numru. 462/2002/1.

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

B'dan li l-Qorti ghandha tara jekk verzjoni wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq bilanc ta' probabilitajiet u b'hekk issib rifugju fir-regola *in dubio pro reo*.

F'dan il-kaz partikolari, din il-Qorti tosserva li l-partijiet kontendenti lkoll stqarru dati f'sens ta' xhur u snin meta jghidu li l-parti kellmet lill-ohra dwar it-tnehhija u gbir tal-istruttura tal-i*scaffolding*.

Is-socjeta' attrici, tramite r-rapprezentant taghha Daniel Montebello, tinsisti li hija kellmet lill-konvenut Victor Bigeni immedjatament malli skada t-terminu miftiehem, ossia fl-ahhar ta' Dicembru 2018, fejn giet infurmata li l-konvenuti kien ghad kellhom htiega tal-istruttura. Tghid li minn hemm il-quddiem regolarment tkellmet mall-konvenut Victor Bigeni dwar l-istruttura anke peress li kellha bzonnha f'sit iehor, ukoll f'Ghawdex – is-sit tal-Isptar Generali ta' Ghawdex fejn kienet qed tinbena l-iskola medika *Barts*.[47]

Issemmi ghalhekk li hija, tramite r-rapprezentant taghha Montebello, jew il-konvenut Victor Bigeni stess kienu jcemplu lill xulxin dwar dan.

Is-socjeta' attrici telabora li f'dawn it-telefonati li sehhew f'Marzu, 2019, bidu ta' Awwissu, 2019, l-ahhar ta' Awwissu, 2019, bidu ta' Dicembru, 2019, u finalment f'Jannar 2020; jew hija kienet qed titlob informazzjoni dwar il-progress tax-xoghol tal-konvenuti sabiex tara meta tkun tista zzarma l-i*scaffolding* jew Victor Bigeni kien qed jghidilha meta tista tmur izzarma l-istess struttura b'dan li wara, meta tasal id-data suggerita minn

[47] Is-socjeta' attrici tezebixix fil-fatt ftehim taghhom mal-kuntrattur ingaggjat minn dan ix-xoghol edelizzju – ftehim a fol 42 *et seq*.

Victor Bigeni stess, kienet tigi rinfaccjata b'rikjesta ohra sabiex tigi differita l-istess data stante li x-xoghol ikun ghadu lura.

Is-socjeta' attrici tinsisti li dan baqa' jigri sa' Jannar 2020 fejn effettivament, ghalkemm ukoll saret rikjesta mill-konvenut Victor Bigeni sabiex ma' tizzarmax l-istruttura kollha izda tithalla parti minnha, hija zarmat u gabret l-istess fl-interita' taghha.

Da parti taghhom, il-konvenuti jghidu li huma lestew ghall kollox mil-htiega tal-istruttura sal-ahhar ta' Dicembru, 2018 b'dan li meta raw li s-socjeta' attrici ma' kkomunikatx maghhom sabiex tmur izzarma u tigbor l-istess, huma stennew sa' Marzu 2019 fejn imbaghad ikkomunikaw mas-socjeta' attrici b'din qaltihlom li jekk l-istruttura ma' kienitx qieghda ttellifhom kienet ser tkellimhom hi dwar meta setghet tmur izzarma u tigbor l-istess. Izidu li wara dan, huma baqghu jistennew lis-socjeta' attrici tkellimhom dwar meta kienet sejra izzarma sakemm wasal l-ahhar tas-sena 2019. Jghidu li f'dan l-istadju l-istruttura riduha titnehha peress li kienet ser itellef l-installazzjoni tal-aperturi tal-aluminju ta' barra b'dan li kkomunikaw mas-socjeta' attrici u nsistew sabiex tnehhi l-istruttura minghajr dewmien.

Sabiex jipprovaw dawn it-tezijiet taghhom il-partijiet iressqu biss xhieda *viva voce* bit-tnejn li huma jaqblu li qatt ma' skambjaw ittri, emails, jew messaggi miktuba dwar dan.

Dan minkejja li l-parti attrici tghid li kienet iddisprata sabiex tigbor l-istruttura ghaliex kellha bzonnha fuq is-sit tal-isptar mentri l-parti konvenuta tghid li kienet fuq ix-xwiek sabiex tizzarma l-istess ghaliex biha fuq il-post kien ser jaqa lura x-xoghol ta' installazzjoni tal-aperturi tal-aluminju ta' barra.

Is-socjeta' attrici tallega wkoll li tul l-2019 il-konvenuti kienu kjarament mhux lesti mill-htiega tal-istruttura. Izzid tghid li dan kien car ghaliex kull meta r-rapprezentant taghha Daniel Montebello kien jghaddi min qrib is-sit tal-konvenuti, li kien jigri ta' spiss peress li kellhom xoghol iehor ghaddej f'Ghawdex, kien jara li x-xoghol tal-konvenuti kien ghadu lura.

Da parti taghhom, il-konvenuti jghidu li l-istruttura helsu ghal kollox mill-htiega taghha fi tmiem l-2018 b'dan li tul l-2019 m'ghamlu ebda uzu minnha minkejja li thalliet fuq il-post.

Bi prova tat-tezi taghhom, il-konvenuti jressqu dikjarazzjoni mahlufa tal-Perti Andrea Bigeni mghonija b'sensiela ta' ritratti li juru l-progress tax-xoghol li ghalih kienet necessarja l-istruttura ossia; ix-xoghol ta' bini u kisi tal-faccati ta' quddiem, genb, u wara tal-binja tal-lukanda.

Is-socjeta' attrici tinsisti li mank il-bini ma' kien ghadu terminat fl-2018 mentri l-konvenuti jghidu li mhux talli kien tlesta l-bini talli sa Dicembru, 2018 kien lest il-kisi kollu kull fejn kien hemm htiega tal-i*scaffolding* bl-istess kien beda jsir ukoll fl-ghola sulari – dawk irtirati – tal-binja. Sulari fejn l-i*scaffolding* ma' kienitx mehtiega ghaliex dawn kienu facilment jintlahqqu mit-terrazzini relattivi.

F'dan il-kaz fejn il-partijiet kontendenti jzommu pozizzjonijiet opposti dwar meta effettivament tlesta x-xoghol tal-konvenuti li ghalih kienet necessarja l-istruttura ta' *scaffolding* tas-socjeta' attrici, u allura s-socjeta' attrici setghet effettivament tigbor l-istess struttura – bir-rizoluzzjoni ghal tali kwezit twassal ghal rizoluzzjoni dwar il-verosimiljanza tal-allegazzjonijiet ukoll kontrastanti dwar min mill-partijiet kien qed jigri wara min sabiex l-istess sruttura tizzarma u tingabar mis-socjeta' attrici fit-terminu pattwit – bil-konkluzjoni ovvja li fil-kaz il-wiehed ma' tregix il-lanjanza tas-socjeta' attrici li ghandha tithallas ghal-perijodu relattiv ghat-tardivita' mentri fil-kaz l-oppost jista jkun hemm raguni tajba ghal-tali talba; din il-Qorti sejra tistrieh fuq is-sensiela ta' ritratti nkluzi fid-dikjarazzjoni mahlufa tal-Perit Andrea Bigeni li ma' gew bl-ebda mod kontradetti b'success mis-socjeta' attrici.

Id-dikjarazzjoni mahlufa tal-Perit Andrea Bigeni tinsab a fol 156 *et seq* tal-process.

L-istess hija monita' b'sensiela ta' ritratti cari li juru b'mod konvincenti li sad-29 ta' Dicembru, 2018 ix-xoghol ta' bini u kisi tal-livelli wiehed sa' seba' tal-binja tal-lukanda tal-konvenuti jew minn minnhom tant kien lest li kien addirittura beda jinkesa d-disa' livell tal-istess binja fejn ma' kienx hemm htiega tal-istruttura ta' *scaffolding* stante li l-istess livell jinsab irtirat u setgha ghalhekk jinhadem mit-terrazzin li jdur dawra mejt

mieghu safejn il-binja ssib hajt in komun ma' binja ta' terzi biswieta fejn imbghad ix-xoghol sar mil-bejt tal-istess binja tat-terzi.[48]

Muri dawn l-istess ritratti, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici, li tul ix-xhieda tieghu ammetta li l-incirata protettiva li tigi nstallata fuq barra tal-istruttura ta' *scaffolding* taghhom tippermetti vizwali ta' x'qed jigri wara l-istess incirata; qal li skontu dawn ir-ritratti ma' jurux li f'dik id-data – id-29 ta' Dicembru, 2018 – ix-xoghol li ghalih kienet necessarja l-istruttura kien tlesta.

Mistoqsi jghid x' ma' jirrizultax lest minn tali ritratti jsemmi l-aperturi. L-istess aperturi li l-konvenut Victor Bigeni jghid li wasslu sabiex fl-ahhar tal-2019 ghamlu pressjoni fuq is-socjeta' attrici sabiex l-istess tnehhi l-istruttura stante li biha fil-post it-tali aperturi ma' setghux jitwahhlu.

Jirrizulta li huwa minnu li meta f'Jannar, 2020 il-haddiema tas-socjeta' attrici marru jzarmaw l-istruttura, il-konvenut Victor Bigeni talabhom ihallu parti minnha armata, u dan sabiex ikunu jistghu jigi nstallati aperturi partikolari li kienu bhal bibien finta fil-kmamar tal-banju fuq in-naha ta' barra tal-faccata. Dan jghidu Victor Bigeni stess tul ix-xhieda tieghu.

Huwa wkoll minnu li mid-dikjarazzjoni mahlufa tal-Perit Andrea Bigeni stess jirrizulta li kien baqa' porzjon zghir tal-faccata li ghalkemm kienet diga miksija bis-siment bazi – dak griz – kien jonqosha l-kisja tal-finitura bajda.

B'dan izda li hemm qbil bejn il-partijiet li minkejja s-suggeriment li sar mil-konvenut Victor Bigeni f'Jannar 2020 sabiex tithalla parti mill-istruttura, din tnehhiet kollha, bl-aperturi finta tal-kmamar tal-banju jirrizulta li gew installati permezz ta' ingenju – *high up* – munit b'gagga.

Da parti l-ohra, dwar il-parti zghira fuq il-faccata li kien jonqosha l-kisja finitura din il-Qorti ssib r-raguni ghal dan moghtija mil-Perit Andre Bigeni bhala verosimili u mhux tali li jista jinghad li kien hemm in-necessita li tinzamm l-istruttura tal-i*scaffolding* f'postha.

[48] Ref. ritratti fil-pagna 7 tad-dikjarazzjoni mahlufa – a fol 162.

Dan partikolarment tenut kont tal-fatt li ghalkemm is-socjeta' attrici ma' qablitx dwar liema kienet il-porzjon ta' l-istruttura li l-konvenut Victor Bigeni talabha li jzomm f'Jannar, 2020,[49] anqas ma' qajjmet argument li l-istess, il-konvenut Victor Bigeni ried izommha sabiex tinkesa bil-finitura il-parti zghira fuq il-faccata li kien jonqos tinkesa; izda nsistiet li dan riedha ghat-twieqi tal-kmamar tal-banju.

Mill-assjem ta' dawn il-provi, tirrizulta ghalhekk ferm aktar verosimili l-verzjoni moghtija mill-konvenuti li x-xoghol intrapriz minnhom ghal-liema kellhom bzonn l-i*scaffolding* tas-socjeta' attrici tlesta sal-ahhar ta' Dicembru, 2018.

B'dan li anke jekk din il-Qorti tqis li l-istennija tal-konvenuti sabiex ikkomunikaw l-ewwel darba mas-socjeta' attrici ghal dan il-ghan sa' Marzu, 2019 tista tidher bhala kemmxejn inopportuna; b'tali stennija ma' jfissirx li l-konvenuti kien ghadhom mhux lesti mill-bzonn taghhom tal-istruttura. U dan minkejja dak li tallega s-socjeta' attrici u kif jirrizulta ampjament mir-ritratti ezebiti mad-dikjarazzjoni mahlufa tal-Perit Andrea Bigeni.

Din il-Qorti hija ghalhekk aktar konvinta li tassew is-socjeta' attrici ma' kelliex l-ghagla li rreklamat li kellha f'din l-istanza sabiex izzarma u tigbor l-istruttura u tehodha f'xi sit iehor inkluz tal-Isptar Generali ta' Ghawdex li kien f'idejha.

Kieku tassew kellha din l-ghagla, is-socjeta' attrici kienet tiehu passi hafna aktar b'sahhithom sabiex tara li tigbor hwejjigha fit-terminu pattwit inkluz, a minimu, l-invijar ta' ittra legali fejn tinforma lil-konvenuti li kienu qed itelfuha xoghol iehor u li kienet ghalhekk qed izommhom responsabbli ghal kwalunkwe' telf taghha. Pass li s-socjeta' attrici ma' haditx.

Dan minghajr ma' l-Qorti tidhol fl-apprezzament tal-allegazzjoni tal-konvenuti li tant is-socjeta' attrici ma' kelliex ghagla li anke sit iehor,

[49] Ref. ritratt a fol 99 fejn il-kovnenut Victor Bignei mmarka li rid izomm biss parti vertikali mal-faccata tal-genb sabiex jigu nstallati sitt tqieqi tal-kamamr tal-banju li aprti minnhom kienet fuq barra. Ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici ma' qabilx li Victor Bignei rid izomm dik il-parti biss tla-istruttura izda nsista li rid izomm dik il-parti kif kienet iddur mal-faccata ta' quddiem illi tkopri dan il-prozjon mill-faccata li ghalkemm sal-ahahr tal-2018 jirrizulta miksi bis-siment griz, kien gahdu mhux miksi bil-finitura.

ukoll ta' lukanda, ukoll f'Marsalforn, Ghawdex, thalla munit bi *scaffolding* tas-socjeta' attrici.[50]

Ghaldaqstant, il-verzjoni tas-socjeta' attrici li hija kienet qed tigri wara l-konvenuti sabiex tigbor hwejjigha minn fuq is-sit taghhom u dawn kienu kull darba qed jghidulha li kellhom bzonn ta' aktar zmien ma' tirrizultax sostanzjata.

Maghdud dan, din il-Qorti ma' tistax issib li n-nuqqas fiz-zarmar u gbir tal-istruttura tal-i*scaffolding* fit-terminu pattwit jista jigi mputat lill-konvenuti.

Issib izda li l-istess kien rizultat ta' nuqqas tas-socjeta' attrici, kemm f'li tiehu passi sabiex tizgura d-drittijiet taghha f'kaz ta' zamma tal-istruttura oltre t-terminu pattwit u kemm f'li tiehu passi sabiex effettivament izzarma u tigbor l-istess fit-terminu pattwit.

B'dan li ghalhekk, din il-Qorti ma' tqisx li l-konvenuti jew min minnhom ghandhom jinsabu li huma debituri tas-socjeta' attrici ghal xi terminu oltre dak pattwit li, fuq accettazzjoni tas-socjeta' attrici nfisha, thallas fl-interita tieghu fil-mori ta' din l-istanza.[51]

Deciz dan, ma' tibqa ebda raguni l-ghaliex ghandha tigi deciza l-eccezzjoni tal-legittima kontradittorjeta stante li ebda parti konvenuta m'hi ser tinsab li hija debitrici tas-socjeta' attrici.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici, tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti billi: tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eccezzjoni skond dawk hawn deciz; tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni

---

[50] Ref. ritratt a fol 154.

[51] Ref. cedola ta' depozitu – numru 154/2020, a fol 171 – mis-socjeta' *V. Bigeni Co. Limited* fil-valur ta' €7,657.79 li pero' minnu tnaqqas il-valur ta' €115.85 fi spejjez tal-istess cedola b'dan li disponibbli ghall-izbank mis-socjeta' attrici allura kien fadal il-valur ta' €7,541.94. L-istess dokumenti juru wkoll li s-socjeta' konvenuta tat il-kunsens taghha sabiex is-socjeta' attrici tigi awtorizzata tizbanka l-istess valur ta' €7,541.94 – rikors a fol 173. Fuq ammissjoni tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici Daniel Montebello fil-varji testimonjanzi tieghu, dan il-valur ngabar mis-socjeta' attrici bl-istess ma' kien baqala ebda bilanc x'tigbor ghall-2018.

ulterjuri tat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti stante l-hlas tal-bilanc dovut ghas-sena 2018 fil-mori ta' din il-kawza, u; tiddisponi mir-rimanenti eccezzjonijiet tal-konvenuti konfermement ma' dak hawn deciz.

Bl-ispejjez ta din il-kawza u dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment maghha a karigu tas-socjeta' attrici.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**